MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2009

Numru 293/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dennis Theuma)**
**(Spettur Pierre Grech)**
**vs**
**Akram Ali Larbi Salem Ossta**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Akram Ali Larbi Salem Ossta** ta’ 33 sena, imwieled Tripoli (Libja) fil-15 ta’ Novembru, 1971, iben Ali Al Ossta u Amna Al Mahdi Al Bacheer, residenti 88, Triq il-Bajjada, Hal-Qormi u detentur tal-passaport bin-numru H 000264/98;

Talli f’dawn il-Gzejjer fit-2 t’April, 2005 u fil-jiem ta’ qabel din id-data, b’diversi azzjonijiet maghmula anki jekk fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, u li kienu maghmula b’rizoluzzjoni wahda:-

a) Assocja ruhu ma xi persuna jew persuni ohra f'dawn il-gzejjer jew barra minn dawn il-Gzejjer sabiex ibieghu jew jitraffikaw medicina (raza tal-cannabis) f'dawn il-Gzejjer kontra id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, jew li jippromwovu, jikkostitwixxu, jew jorganizzaw jew jiffinanzjaw tali assocjajzjoni;

b) Ipproduca, biegh jew xort'ohra ittraffika fir-raza mehuda mill-pjanta cannabis, jew/xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, u dan bi ksur tal-artikolu 8 (b) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

c) Kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, u dan bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat l-ordni tal-avukat generali tal-4 t'April 2005 skond l-artikolu 22 (2) tal-Kap 101 sabiex l-imputat jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali biex iwiegeb ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu ghal ksur tal-provedimenti tal-istess Ordinanza;

Rat r-rinviju tal-avukat generali tat-22 ta' Jannar 2007 ai termini tal-artikolu 31 tal-Kap 101 li permezz tieghu ordna li l-imptat ikun processat quddiem din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fuq l-akkuzi migjuba kontra tieghu ghal ksur tal-provedimenti tal-istess Ordinanza;

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza:

Ikkunsidrat illi l-imputat tressaq quddiem din il-Qorti biex iwiegeb ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu wara li l-pulizija intercettatu hiereg minn residenza ta' terzi li kien dahal fiha ftit tal-hin qabel f'liema residenza instabet r-

raza tal-Cannabis u fuq l-imputat instab ammont ta’ flus li l-pulizija interpretat li kien il-hlas ghall-istess raza. Il-pulizija kienet irceviet informazzjoni li l-imputat kellu jikkonsenja dik ir-raza f’dik ir-residenza f’dak il-hin partikolari u l-abitanti ta’ dik ir-residenza ikkonfermaw li l-imputat kien wassal dik id-droga u hallsuh l-ammont minnu mitlub.

Skond ix-xhieda mressqa mill-prosekuzzjoni, l-pulizija kienu infurmati illi l-imputat kellu jikkonsenja droga fir-residenza ta’ persuna li aktar ‘l quddiem tirrizulta xhud principali taghha. L-imputat tfacca bil-vettura tieghu, ipparkja u dahal f’din ir-residenza. Ftit hin wara, huwa hareg u kien intercettat mill-pulizija fejn rega ddahhal fir-residenza fejn saret tfittxija ghad-droga. Fir-residenza tghix kopja u t-tifla taghhom ta’ seba snin. Il-missier kien rieqed fis-sular ta’ fuq u fil-kamra tieghu instabu bicciet zghar tar-raza tal-Cannabis. Wara tfittxija ulterjuri, l-pulizija nizzlu lit-tifla minn siggu li kienet fuqu u taht il-“cushion” sabu blokka tal-Cannabis u ommha stqarret li kienet ghadha kemm hbietha hemm biex ma jsibuhiex il-pulizija wara li dahlu fir-residenza taghha. L-omm stqarret li l-imputat kien ghadu kemm ikkonsenja dik il-blokka u fuq struzzjonijiet moghtija minn zewgha qabel dahal jorqod, din halsitu Lm300. Zewgha ikkonferma li qabel dahal jorqod ta struzzjonijiet lil-martu sabiex thallas lill-imputat tal-konsenja. Huwa stqarr li hu mahkum mill-vizzju tad-droga u kien talab lill-imputat jakkwistalu blokka raza peress illi dak iz-zmien kienet skarsa u kienu qed jitolbuh hafna flus taghha. Dan qatt ma kien xtara droga minghand l-imputat u lanqas biss kien jaf jekk ibieghx droga jew le izda iddecieda jistaqsieh xorta wahda u l-imputat qallu li ser jipprova jara minn fejn jista’ jaqdih.

L-imputat innega li hu kien ikkonsenja dik ir-raza. Minn tfittxija li kienet saritlu fir-residenza tieghu ma rrizulta xejn li jista’ b’xi mod jabbinah mal-konsum jew traffikar tad-droga.

Ikkunsidrat:

Illi f'kawzi ta' din in-natura fejn l-pern taghha jaggira fuq id-deposizzjoni ta' persuna li tghid li ottjeniet id-droga minghand l-imputat, il-Qorti tista' tghazel li temmen il-verzjoni tax-xhud tal-prosekuzzjoni minghajr il-htiega li din ix-xhieda tkun korroborata. Dan ma jfissirx illi ix-xhud tal-prosekuzzjoni ghandu jitwemmen b'mod awtomatiku u dejjem jehtieg li jkunu ezaminati ic-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Il-verzjonijiet tal-konjugi sia emergenti mill-istqarrija guramentata kif ukoll mix-xhieda taghhom quddiem din il-Qorti, ghalkemm ma jaqblux perfettament ma jistghux jittiehdu b'mod legger. L-imputat ma kienx intercettat bid-droga fuq il-persuna tieghu izda meta ddahhal lura fir-residenza minn fejn kien appena hareg, u malli l-pulizija sabu d-droga taht il-*cushion*, hija stqarret li dik kien ghadu kemm ikkonsenjaha l-imputat u li kienet ghadha kemm ghaddietlu Lm300 taghha. Din il-verzjoni imbaghad tkompli ma' dik ta' zewgha li dak il-hin kien rieqed u li stqarr li kien ta' sturzzjonijiet lil martu biex thallas lill-imputat tad-droga li kellu jikkonsenja. Fuq il-persuna tal-imputat, apparti flus ohra, instabu mazz ta' Lm300 u mitlub jispjega x'kienu dawk il-flus qal li kienu salarji tal-impjegati lest biex ihallashom. Minn ezami akkurat tal-process ma jirrizultax illi l-konjugi kellhom il-hin jaghmlu kuntatt ma xulxin biex jiffabrikaw din l-istorja kontra l-imputat.

L-imputat ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri u minkejja li kellu opportunita sufficjenti meta kien arrestat f'April tas-sena 2005, huwa offra spjegazzjoni tal-pussess ta' Lm300, li l-konjugi allegaw li tawh bhala hlas, biss waqt id-deposizzjoni tieghu fl-24 t'April 2008 fejn qal li dak kien il-hlas lilu dovut ta' xoghol ta' kisi li kien ghamel fir-residenza tal-konjugi l-gimgha ta' qabel. Huwa jghid li dak il-hin tal-arrest stess gibed l-attenzjoni tal-ufficjali tal-pulizija fuq il-post dwar dan il-fatt izda in kontro-ezami sid id-dar cahad li l-imputat qatt ghamillu xi xoghol u li kien gie biss jurih kif ikahhal. Din il-Qorti baqghet tistaqsi lill-imputat ghaliex ma kienx ta din il-verzjoni fl-istqarrija tieghu izda ma inghatat ebda twegiba plawsibbli. L-imputat esebixxa zewg dokumenti a fol 180 u 181 li juru li

kien impjegat tas-socjeta' li taghmel finituri fil-bini. Id-Dok AO1 huwa FS3 return ghas-sena li tispicca fil-31 ta' Dicembru 2004 li juri li kien impjegat ghal dik is-sena u id-dok AO2 huwa ittra tat-8 ta' Gunju 2005 li tikkonferma li l-imputat kien impjegat ghal dawk l-ahhar 18-il xahar mal-istess socjeta'. Dan l-incident sehh fit-2 t'April 2005 u ghalhekk l-imputat irid jispjega ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti, la darba ghazel li jghid hekk, ghaliex huwa kellu jiehu flus ghal-xoghol ta' kisi meta ma jirrizultax li hu kien impjegat ghal-rasu. Jekk il-flus misjuba fuqu kienu destinati ghall-impjegati tieghu irid jispejga ghaliex ghandu impjegati mieghu u min huma meta hu stess huwa impjegat. L-unika spjegazzjoni li offra l-imputat biex jispjega x'kien qed jaghmel fir-residenza *de quo* kienet li mar jghid zewg kelmiet bhalma jghamlu l-hbieb u dan waqt il-hin tax-xoghol, ipparkja hazin f'kantuniera u proprju fil-hin li l-pulizija kienu infurmati li kellha ssir din il-konsenja.

Il-Qorti hi konvinta li din kienet l-ewwel avventura tal-imputat f'dan il-qasam tal-*mala vita* izda l-esperiment tieghu mill-ewwel gabu fl-inkwiet. Huwa thajjar mit-tentazzjoni proposta mix-xhud izda inqabad mill-ewwel mill-pulizija. Huwa ghalhekk li din il-Qorti qed issib htija fl-imputat ghal dak ravvizat fit-tieni u fit-tielet akkuza. L-ewwel akkuza, *invece*, ma ssibx l-istess sostenn minn din il-Qorti ghaliex il-prosekuzzjoni ma ressqet ebda indizzju li jista' b'xi mod jassocja lill-imputat ma tali akkuza;

Ghal dawn il-mottivi, filwaqt li ma ssibx lill-imputat hati tal-ewwel akkuza u tilliberah minnha, issibu hati tat-tieni u tat-tielet akkuza;

Wara li rat l-artikoli 8(b) u 8(a), Taqsima VI, artikoli 22(2)(b)(i) tal-Kap 101;

Wara li rat il-fedina penali nadifa tal-imputat;

Qed tikkundannah ghal terminu ta' prigunerija ta' sentejn mil-lum u ghal hlas ta' multa ta' tlett elef euro (E 3000.00). Tordna l-konfiska biss tal-ammont ta' Lm300 misjuba fuq il-persuna tal-imputat kif ukoll id-distruzzjoni tad-droga

esebita bi spejjes kontra l-imputat li ghandu ukoll ihallas ghall-ispejjez inkorsi in konnessjoni mal-esperti kollha nominati f'dawn il-proceduri inkluzi dawk nominati fl-inkjesta mertu tal-kaz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------